# Qorti tal-Magistrati (Malta)

# Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

# Magistrat Dr. Yana Micallef Stafrace LL.D.

Pulizija

(Spettur Charlotte Curmi)

Vs

Raymond Camilleri

Illum 25 ta' Novembru, 2024

Il-Qorti

Rat l-imputazzjonijet fil-konfront ta' Raymond Camilleri bin Anthony u Maria nee' Vella imwieled fil-11/12/1978 u joqghod 22, Mount Carmel, Triq is-Saljatura, Mqabba, ID 48779M.

Billi int akkuzat talli fl-10 ta' Frar, 2023 ghall-habta ta' 18.50 hrs f'Triq is-Sejba, Mqabba soqt vettura b'numru ta' registrazzjoni BCC 437.

1. B'manjiera traskurata.
2. U aktar talli soqt l-imsemmija vettura b'manjiera bla kont.

3. U b'nuqqas ta' hsieb u bi traskuragni jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni jew b'nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tat-traffiku, hbatt ma' vettura numru HCE 117 u involontarjament ikkagunajt hsarat ghad-dannu ta' Anthony Mario Baldacchino.
4. Inqast li tezercita l-kura u attenzjoni xierqa u taghmel sinjal meta kont ser tbiddel id-direzzjoni tieghek.

Il-Prosekuzzjoni titlob li tigi skwalifikat/a mill-licenzji kollha tieghek tas-sewqan.

Il-Qorti hija gentilment mitluba li f'kaz ta' htija minhabba li tinfliggi il-piena skont il-ligi, tnaqqas il-punti mill-licenzji tas-sewqan hekk kif stabbilit mill-L.S. 65.18 Art 36B u fil-65.18 Sitt Skeda.

Rat l-artikoli 15(1)(a) (2) tal Kap 65 u Artikolu 328(d)tal-Kap 9 LS 65.11 MVR75 L.S. 65.18 Art 36B u fil-L.S. 65.18 Sitt Skeda tal-Ligijiet ta' Malta

Semghet ix-xhieda kollha prodotta mill-Prosekuzzjoni.

Semghet x-xhieda tal-imputat.

Rat l-atti kollha u x-xhieda u dokumentazzjoni kollha prodotta.

Semghet it-trattazjoni.

**Ikkunsidrat**

**Anthony Mario Baldacchino,** xhed hekk:

Avu: Mela tista tispjegalna jekk ghamiltx xi rapport dwar xi incident meta kien u fejn kien?

Xhud: Iva l-incident kien fl-10 ta` Frar, 2023 is-sena l-ohra ir-rapport ghamiltu l-ghada 11 ta` Frar, mela jiena kont fi triq is-Sejba l-Imqabba.

Avu: Tista tispjegah dan l-incident?

Xhud: Mela kien fl-10 ta` Frar tas-sena l-ohra fejn jiena ghall-habta tas-6.50 kont hiereg minn triq is-Sejba issa triq is-Sejba hadd ma setgha jidhol fiha ghax kienet maghluqa jien u hiereg fl-ahhar tat-triq,

Qorti: X`igifieri hadd ma setgha jidhol go fiha?

Xhud: It-triq kienet magħluqa għandi ritratti tat-tabelli.

Avu: Spjega naqra triq is-Sejba kif inhi triq?

Qorti: Dawn huma r-ritratti jew tal-pulizija?

Xhud: Iwa tal-pulizija, għandi 30 naħseb ritratti, ghandi 14 DOK A1 sa A14 faxxikoli ta ritratti.

Avu: Dawk x`juru?

Xhud: It-triq u tabella imma anke 200m hemm triq oħra imma meta metru qabel fejn sar l-inċident hemm tabella oħra l-istess li minn fejn kienet ġejja karreġġjata.

Avu: Issa spjegali il-Qorti in-numru ta' ritratt u xi trid tgħid fuq in-numru referenza għar-ritratt numru.

Xhud: Iva hawn ritratt numru A3 u A4 li juru fiċ-ċar li t-triq hi magħluqa u ma tistax tidħol u lanqas għar-residenti u lanqas biex tagħmel servizz.

Avu: Kienet magħluqa xi haġa?

Qorti: F`dik id-data?

Xhud: Ehe gahndi ritratti ta' dakinhar id-data u dawn l-għada fil-mobile, jiġifieri.

Qorti: Haddthom l-ghada?

Xhud: Fit-10 anki f'dik il-ġurnata tat-tabella.

Qorti: Dawn ittiehdu l-ghada?

Xhud: Dawn l-ghada.

Qorti: Dawn haddthom int?

Xhud: Iva iva mil-mobile tieghi, issa fir-ritratti A6 minn fejn kien ġej is-sinjur minn dik it-triq turi minn 200m qabel hawn 200m qabel u l-istess tabella biex avża tliet darbiet li ma tistax tidħol f'dik il-karreġġjata triq is-Sejba sewwa.

Xhud: Issa ir-ritratti ta' dak inhar tal-ħin tal-inċident għandi 8 ritratti B1 sa B8.

Avu: Issa dawn ir-ritratti li qed jiġu mmarkati B1 sa B8 meta ħadthom?

Xhud: Dakinhar tal-inċident dak il-ħin eżatt.

Qorti: Kien id-dlam?

Xhud: Kien id-dlam iva.

Avu: Issa kemm jispjega dwar l-inċident fuq għax hemmhekk jidher sew, mela x`gara spjega minn fejn kont inti minn fejn kien gej u dawn l-affarijiet skond ir-ritratt?

Xhud: Jiena kont gej mill-Imqabba hiereg ghall-ta` Kandja fejn fl-ahhar tat-triq is-sinjur dahalli mit-triq ta' din ma nafx x'jisimha nkun onest ma ġenb l-airport u daħalli faċċata tiegħi. Jiena pprovajt niskapulah.

Qorti: Jigifieri dahal fil-lane?

Xhud: Fil-lane tieghi u ammetta fuq messagg ukoll ghandi il-messagg tal-ghada.

Avu: Issa dik il-lane ghaliex kienet tintuża li kont ħiereġ minnha?

Xhud: Dik hija l-lane tiegħi għall-ħruġ biss, jiġifieri jiena pprovajt niskapulah fil-brejk, jiġifieri mma tlift kull kontroll ġo fih għax hu kien dieħel opposite tiegħi u peress li prova tiskapulaħ u anke hu pprova jiskapulani għax hu saq lejn naħa tax-xellug u jien ħaddtu ħbatt head on fil-bieba ta' wara tiegħu u għandi ritratti wkoll.

Qorti: Dawn huma triq huma il-karozzi danni fil-karozza?

Avu: Danni tat-triq u tal-mutur ukoll u dawn ittiehdu dak in-nhar stess sinjura.

Xhud: Hawnhekk għandi 6 pero 5 ta ħsara tal-mutur li ħa dakinhar ritratti, ta' ħsara tal-mutur.

Avu: Issa dawn C1 sa C6 x`jirreferu ħsarat?

Xhud: Hsara li ġrali bil-mutur.

Avu: Xi ħsara kellek il-mutur.

Xhud: Il-ħsara skond is-surveyor meta rah is-surveyor tal-avversur tal-Middlesea għaddew total lost il-mutur.

Avu: Issa għandek xi ħaġa oħra x`tesebixxi?

Xhud: Iva iva għandi l-messaġġi li ntqalu mela messaġġi ghandi 3 pages.

Avu: Dawk x'kienu l-komunikazzjoni bejnek u bejn?

Xejn: Bejni u bejn Raymond Camilleri.

Avu: Dawk saru l-ghada dawn meta saru?

Xhud: Dawk saru l-għada hemm minnhom l-għada imbagħad hemm minnhom mhux sejjer żball fit-18 u fl-20 ta` Frar tas-ena l-ohra.

Avu: Għandek xi ħaġa oħra?

Xhud: Iva, hawnhekk għandi provi ċari li l-mutur ma ġie skedjat u għandu daqqa head on il-mutur huwa ġdid fjamant il-ġnubijiet tiegħu bil-mirja bil-brejkijiet, l-mutur għandu daqqa head on u mhux skidjat għandu l-gnubijiet ġodda fjamanti.

Qorti: Dawn ittiehdu qabel jigifieri?

Xhud: Le dawn meta gie is-surveyor ta' meta ġie s-surveyor ittieħdu tal-muturi.

Avu: L-muturi wara d-daqqa li juri li qed?

Xhud: Qed juri fi-ritratt li fil-ġnub aqqas grif m'għandu l-mutur d-daqqa qiegħda head on u l-mutur ma waqa' qatt ħlief x`ħin waqajt.

Qorti: Inti hawnhekk qed taraf lil xi hadd?

Xhud: Iva is-sinjura, Raymond Camilleri li kien qed isuq il-karozza.

Qorti: Mela ix-xhud indika lil imputat.

Xhud: Ezatt kien qed isuq il-karozza BCC 437 tal-għamla Honda Accord. Hawnhekk għandek it-telefonati jiet ġo duration għax il-ġurnata ta' wara bidel ma' 5 verżjonijiet. Jiena jekk hemm aċċess bil-qorti lest li jinstemgħu kollha u oħra ma nafx nkunx qed nikser il-liġi tal-qorti għandi tifel tiegħi ta' disa' snin is-sena l-oħra kellu disa' snin semma l-ewwel 2 telefonatijiet. Jien għalija imma il verita. Hawnhekk hawn it-telefonatijiet u ħadt noti ta' kliem li qal li l-għada għax hu qalli kien dieħel għax in-nanna tiegħu daħlilha l-ilma fit-tieni verżjoni li kien ħiereġ dar mar-roundabout u sabni ma' wiċċu u t-tielet verżjoni li kellu jmur l-għalqa. Hawnhekk hawn durations bil-highliter ilkoll ilkoll kollox.

Avu: Komunikazzjoni bejniethom.

Xhud: U jekk hemm forsi nistabilixxu jinstemgħu t-telefonatijiet jiena ma ssir l-ebda oġġezzjoni fejn hemm highlighter it-telefonatijiet min-naħa tiegħi.

Qorti: Hemm bżonn nisimgħu it-telefonati?

Avu2: Le le.

Qorti: Issa x`gara dan hbattu?

Xhud: Mela kont hiereg minn triq is-Sejba fejn ir-ragel dahalli fil-karregata tieghi u sar l-impatt ir-ragel kien vera gentili jiena kont ma l-art jiena ma weggajtx jiena just weġġajt naqra saqqajja bid-daqqa, jiġifieri la grif u lanqas qattajt il-ħwejjeġ Raymond telalli il-mutur daħħalni fil-karozza biex jurini l-insurance tiegħu li kien mal-MiddleSea qalli nammettilek ħa nikklejmjalek u ha nammettililek kollox. Kif ħadt ir-ritratti qalli tieħux ritratti mela aħna tfal jiena ħadt ir-ritratti xorta għidtlu nixtieq indaħħal.

Qorti: Kont bqajtu fuq il-post sakemm gew il-pulizija?

Xhud: Le jiena xtaqt indaħħal il-pulizija, pero is-sinjur qalli jiena rrid immur ix-xogħol qalli kont l-għalqa irrid imur ilesti d-dar tiegħi biex imur ix-xogħol x'qal hu jien ma kontx naf hux ix-xogħol jew le sewwa jiena għedtlu mhux problema.

Jiena soqt bil-mutur għax dawl kellhu il-mutur soqt sad-dar sa Hal-Safi sewwa u s-sinjur telaq.

L-għada bagħattlu messaġġ fis-sebgħa u kwart ta' filgħodu.

Qorti: Inti ma l-insurance irrangajt?

Xhud: Le jiena ħa jiftħulu kawża tal-insurance tieghi hadna li għadni le just ħa jiftħu kawża lis-sinjur. Ghandna kawża oħra hawn għaddejja, jiġifieri suppost għandu jirċievi notifikazzjoni dalwaqt.

Qorti: Jigifieri gie tal-insurance biex jaghmillek survey qed nifhmek sew?

Xhud: Le jiena ħadt il-mutur xi xahar wara għand għand min nirranġa jiena u għaddewh total lost il-mutur.

Qorti: Jiġifieri l-insurance tieghu ma kellhiex x'taqsam?

Xhud: Le s`issa le ghax hu ghadu mhux jamettili mela l-insurance tiegħu is-surveyor jiġi għax inti meta taħbat.

Qorti: Sinjur jien għamilt avukat tal-insurance 30 sena, jigifieri għandi idea imma li qed ngħidlek jiena xi ħadd minn insurance tiegħu surveyor jew meno gie jara l-mutur tieghek?

Xhud: Iva iva iva rah gie rah jiena ġibt is-surveyor tiegħu m'hemmx għalfejn jikklejmjalek jien ġibt is-surveyor tiegħu biex jarawh u għaddew total loss ġie.

Qorti: Gibt lis-surveyor jiġifieri int għamilt xi claim mal?

Xhud: Hu ma klejmjaliex jiena ikklejmjajt.

Avu: Orrajt u kont qed tgħid li hu qallek biex ma ġġibx il-pulizija dakinhar?

Xhud: Ezatt għax hu kien l-ghalqa hu ried imur fir-residenza tiegħu biex ilesti għax-xogħol sewwa.

Qorti: Umbaghad eventwalment mort taghmel rapport sinjur?

Xhud: Mela jiena soqna minn fuq il-post, il-mutur soqtu ghax kellu d-dawl u soqtu l-ghada fis-sebgħa u kwart bagħatlu biex niltaqgħu għall ta` l-insurance fid-disgha fthemna hu cempilli ftit wara is-07:15 għandna l-call durations jigifieri, li ppreżentajt li hemmhekk ma kien hemmx tabella tal-one way fejn hu stajt nidħol hu għandu l-pro camera naħlef li hu qalli li għandu l-pro camera ta l-açċident mal-karozza. Għedtlu jien għalija mhux problema għaliex in-nanna daħlilha l-ilma miskina qalli rrid imur nghinhna wara ftit ċempiltlu biex ħa naraw kif ħa nibqgħu.

Qorti: Insomma essenzjalment m`ghamilx claim u qeghdin hawn orajt.

Xhud: Jiena naħlef anke telefonatijiet jekk hemm aċċess li jinstemgħu.

Avu2: Kontro Ezami, Mela naqblu li dik it-triq hija two way?

Xhud: Iva hija 2 way imma kienet magħluqa. Ma kien hemmx aċċess u hemm it-tabelli li ma setax jidħol ġo fiha l-avversarju.

Avu2: Issa inti tlaqt bil-mutur minn fuq il-post hux hekk?

Xhud: Hekk hu iva għax kien fadallu dawl jiġifieri jiena sinjura ghedtlu ndaħlu l-pulizija qalli le ghax irrid immur għax-xogħol.

Avu2: Xi hsarat kellu l-mutur?

Xhud: Il-mutur jiena dak il-hin jiena dak il-ħin dak il-ħin fuq il-post ghedtlu naħseb għandu €2,000 għax il-mutur xtrajtu 5000 u daqqa9 qiegħda quddiem kif tista' tara ritratti, jien dak il-ħin għidtlu naħseb għandu 2000 malli ġibt is-surveyor qal li hemm hemm ħsara 3,800 u dan nghadduh total lost għax jien xtaqt nirranġah il-mutur.

Avu2: Ghandek xi rapport tas-surveyor li dan qed jigi total lost?

Xhud: Le huma kellmuni jiġifieri.

Avu2: Il-mutur fejn qieghed illum il-gurnata?

Xhud: Qieghed ghandi il-mutur.

Avu2: Jekk nghidlek li inti ghadek tuzah il-mutur?

Xhud: Iggraxxjat il-mutur qieghed, il-mutur kif inhu soqtu sa Hal-Safi ghax ghandu dawl imma rrid nittowjah jiġifieri huwa b'mod perikoluż li isuqu l-mutur.

Avu2: Imma soqtu dakinhar u issa trid tittowjah?

Xhud: Mela mill-Imqabba sal-Qrendi kellu d-dawl.

Qorti: Dottore frankament il-1 u 2 jimpurtanti.

Xhud: Jiena soqt bilmod sa Hal-Safi wara ghandu dawl anki hazards u soqt jigifieri, il-hsara hemm qeghda jigifieri nahlef li ma ghamiltx iktar hsara fil-mutur nahlef ghandna ritratti bil-google maps bid-data u bil-ħin jiġifieri.

Avu2: Il-vettura tas-sur Camilleri fejn kienet?

Xhud: Mela dieħla dieħla maġenb jekk nispjegalkom fuq ir-ritratt fejn hemm il-barriers hu daħal fil-karreggata tieghi dahal wrong side.

Avu2: Jekk nissugerilek illi is-sinjur kien qieghed fuq in-naha tax-xellug fit-triq it-tajba fil-lane u raha lilek gej dak in-nhar naqblu li kien il-maltemp?

Xhud: Ijja kienet ix-xita dak il-hin iva.

Avu2: Naqblu li lilek inti kont gej bil-mutur qed tiskidja?

Xhud: Le ghandi il-fatti kollha li l-mutur mhux skiddjat.

Avu2: Le le ma skidjajtx ma l-art minhabba l-maltemp bdejt titlef il-kontroll?

Xhud: Le le.

Avu2: Naqblu li l-vettur tas-sinjur kienet wieqfa?

Xhud: Issuq kienet, nahilfu dan li kien qed isuq.

Avu2: Tista tissugerili kif inti qed idaħħal fuq il-lane tiegħek?

Xhud: Eżatt.

Avu2: L-impatt kien qiegħed fuq il-ġenb ta' wara?

Xhud: Ezatt ghax jien ippruvajt niskapulaħ u rega saqli fil-genb.

Avu2: Jekk mela allura mhux qed ngħidu is-sinjur kien qieghed fuq ix-xellug u int qiegħed fuq il-korsija l-oħra u hu kien wieqaf?

Xhud: Le le mhux vera mhux vera il-mutur daqqa head on ghandu.

Avu2: Il-karozza qed tghid inti li daret kwazi giet mat-triq?

Xhud: Ezatt infatti ħadt daqqa fil-bieba ta' wara jiea.

Avu2: U kif inhi d-daqqa tal-bieba?

Xhud: Għandi r-ritratti.

Avu2: Nista nara ir-ritratti, il-klijent tieghi kien fuq is-side tieghu mhux fuq in-naha l-ohra.

Qorti: Allura minn fejn ghadda biex jigi hemm?

Avu2: Mil-lane il-miftuha mit-triq normali dik hija 2 way l`hemm u l`hawn.

Qorti: It-triq maghluqa kienet.

Xhud: Għand ir-ritratti ta' dak il-ħin li kienet magħluqa sur Avukat. Dak bil-ħin bil-google maps b'kollox għal Muturi, il-barries magħluqin qegħdin.

Qorti: Inti qed tgħid li dawk ir-ritratti li ħa skond hu l-għada huma foloz?

Avu2: L-ghada mhux dak in-nhar tal-incident l-ghada il-barriers huma totalment mqegħdin f'pożizzjoni differenti għandha tanalizza l-Qorti kif inhuma dawn il-barriers.

Qorti: Mela inti qed tgħid li barriers li ha l-ghada huma differenti minn dak li ħa nipprova nifhem.

Avu2: Il-Metodu ta kif inhuma l-barriers l-għada tal-inċident,

Qorti: Jiġifieri dawk it-tabelli biex ma jidħolx li hemmhekk ma kienux hemm dak in-nhar?

Avu2: Jekk tara r-ritratt ta' bil-lejl qeghdin l-aġenba, jekk tara r-ritratt ta' filgħodu b' din iktar il-barriers huma iktar il-barra mat-triq magħluqa sħiħa.

Qorti: Minuta it-tabelli ma kienux qeghdin hemm lejlet, jiġifieri?

Avu2: Mhux it-tabelli sinjura il-barriers.

Qorti: Avukat ghidli DOK number ghax inutli nitkellmu fuq ritratt ghax ma nifhimx.

Avu2: Jekk nagħmlu referenza għal-DOK A4 li huwa ritratt meħud apparentament l-għada tal-inċident ghall-referenza tad-DOK B1 li huwa allegatment dakinhar tal-inċident il-barriers ma kompletament il-barriers tal-plastik huma kompletament,

Qorti: Qed tissuġġerielu li huma totalment differenti?

Avu2: Ijja.

Qorti: Mela qed jgħidlek lil dak li kien hemm bil-lejl sa dak li kien hemm b'inhar kienu differenti qed jgħidlek l-avukat u qed jgħidlek qed jgħidlek qed jagħmel referenza għal ritratti.

Xhud: Iva imma xorta kienet magħluqa bil-barriers. Li jiena ma nafx min poġġiex iva differenti trid tqis li kien ġurnata maltemp qabel forsi ċċaqalqu bir-riħ pero triq xorta magħluqa ma tgħaddix karozza.

Avu2: Inti qed tgħidilna illi s-sur Raymond dahal minn-naħa tal-lemin?

Xhud: Minn naha tieghi dahal.

Avu2: Tistgħu tissuġġerili ir-ritratti li ħadt inti qed nirreferi għal dawk B1 u B2 il-karozza tas-sinjur fejn hi?

Xhud: Il-karozza saqha l-fuq is-sinjur.

Avu2: Ma tidhirx il-karozza, għalfejn ma tidhirx, l-mutur fejn kien imwaqqa'?

Xhud: Eżatt hemmhekk hemmhekk fejn sar l-aççident.

Avu2: Allura għalfejn ma tieħdux ir-ritratti mal-impatt tal-mutur?

Xhud: Jekk saqli il-karozza.

Avu2: Bil-mutur miegħek, pero inti qed tgħid,

Xhud: Nista nitkellem jiena umbaghad tkellem inti, mela Jitħallsu fil-ġenb nista' nitkellem jien imma titkellem inti, hemmhekk fejn hemm il-mutur eżatt fejn hemm il-mutur eżatt fejn sar l-aççident u telahuli Raymond,

Avu2: Inti qed tghid B5 hawn xi salib ahmar hemmekk?

Xhud: Hemmhekk fejn sar l-aççident naħlef naħlef naħlef li l-karozza saqha mal-ewwel.

Avu2: Dak il-ħin inti ghedt ħarġu l-vettura tiegħu niżel jgħinek ittella' l-mutur.

Xhud: Saq il-karozza hu tellghu l-mutur minn fuq.

Avu2: Inti x'tip waqgħulek xi plastik minnu xi parts, fir-ritratt kif mhux qeghdin hemmekk?

Xhud: Iva hemmhekk qegħdin jidhru wkoll.

Avu2: Jien qed naghmel referenza ghall-B1 B2 u B5.

Xhud: Jidhru l-parts hawnhekk quddiem u l-mutur, B5 jidher il-plastik mal-art.

Avu: Fil-fatt, jidhru sinjura B5 n-naħa tax-xellug tal-mutur jidhru parts mal-art.

Xhud: U l-mutur waqqgħu l-parts minnhom is-sinjur żammli 2 minnhom ukoll hadhom li l-għassa kien kont bgħattlu għalihom darbtejn fejn ma rrispondinix u ċempiltlu u ġabhom li l-għassa.

Avu2: M`ghandix iktar domandi.

**Perit Raphel Abdilla,** xehed hekk :

Avu: Mela Perit ha naghmillek mistoqsija dwar jekk l-ewwel nett inti ma fejn taħdem ħa nibdew minn hekk?

Xhud: Direttur eżekuttiv fi ħdan Infrastructure Malta.

Avu: Issa u l-infrastructure ara jekk għandekx amment li kienu ghalqu xi triq tas-Sejba għandekx amment meta ngħalaq jekk ingħalaq u f'liema mod inagħlaq jekk tista' tispjega l-Qorti?

Xhud: Mela Ġranet ġurnata eżatt ma nafx ngħidlek bl-amment pero nista' ngħidlek li kien qabel il-Milied tal-2022 u damet magħluqa sa Mejju biex niftiehmu.

Avu: Jiġifieri u meta tgħid kienet magħluqa triq is-Sejba kienet magħluqa kollha jew karreġġjata wahda minnha?

Xhud: Porzjon sħiħ li kien magħluq kollu li jiġi bejn triq il-Parroċċa u fejn jispiċċaw id-djar ta' l-Imqabba min-naħa ta' triq il-Gilju.

Avu: Jekk nurik ritratt u nagħmel referenza għad-DOK A1 u A4 tagħrafha din it-triq?

Xhud: A3 u A4 iva dawk huma A2 ukoll u A1.

Avu: Dawn il-bollards li hemm, jiġifieri dik dik hekk kienet magħluqa triq meta tgħid triq is-Sejba dik il-karreġġjata kienet magħluqa?

Xhud: Il-porzjon maghluq totalment it-traffiku kien iktar il-fuq.

Avu: U hawnekk meta kien qiegħed hawnhekk?

Xhud: Kien hawn tabelli li hawnekk m`hawnx access lejn l-Imqabba u ghaldaqstant dawn iwaqqfu l-access u tabelli jghidulek li ma tasalx sal-Imqabba, jigifieri inti tidhol hawnekk sa ma ssib il-parti li kienet magħluqa totalment.

Avu: Ok u minn hawn ma tistax tidhol imma?

Xhud: Le ghax maghluqa.

Avu: Ok, u min kien kienu jagħmluhom dawn kienu jibqgħu hemm fil-post il-ballards?

Xhud: Il-Ballards kienu fil-post iva.

Avu: Nies taghkom stess kienu jaghmluhom u ibqghu,

Xhud: Mhux nies taghna il-kuntrattur.

Avu: Ovvjament imqabbdin minnkom?

Xhud: Il-Kuntrattur imqabbad max-xogħlijiet u jkollu traffic management plan.

Avu: Dawn l-istess tabelli li qed nagħmlu referenza ghax qegħdin fil-proċess.

Qorti: Kollox qiegħed fil-proċess li esebixxa il-klijent tiegħek qed nassumi li diga għaddew mill-pulizija qabel.

**<u>Raymond Camilleri,</u>** xehed hekk

Avu: Raymond tispjegalna daqsxejn x' ġara dakinhar fil-qosor dak li smajna x'qalilna is-sur Baldacchino?

Xhud: Dakinhar jiena kont qieghed id-dar dakinhar kien xeba' maltemp qawwi qawwi u jiena għandi l-għalqa ġo dik it-triq dik minn dik industrial area hemm fuq Sejba road kien hemm aċċess għal min għandu l-affarijiet hemm u ċemplitli iz-zija ta' missieri qaltli hawnhekk għandek l-alarm idoqq l-ilma infetaħ li bil-ġebel ix-xatba u mort nipprova nagħlaqha u ma stajtx nidħol. Jiena dħalt il-barriers kienu mcaqilqin bl-ilma ksirt minn hemm kif ksirt beda jaqa' l-gebel u waqaft jien qed ngħid jien biex ħa nitla

minn hawn ghax ħa nagħmel ħsara sadattant insib dawl ġej, jiena għandi fobja kif nara dawl darba ġratli okkażjoni u ghedt mutur wieħed jien.

Qorti: Imma la rajt il-barriers hemmekk imcaqilqin x`dhalt minn hemm taghmel ghaliex kontu tidhlu minn hemm ghax it-tabella ma kien hemm indikat imkien li stajt tidhol hemmekk?

Xhud: No access to Imqabba ghall-Imqabba ma tistax tmur minn Sejba road kienu qed jirrangawha minn hemm tista' tidħol u tidħol għall-Imqabba fuq in-naħa ta' wara kien hemm sqaq wara l-iskola.

Qorti: Allura kieku il-barriers ma kienux imcaqilqin x`kont ha taghmel?

Xhud: Mal-ġurnata meta jkunu qed jaħdmu min għandu l-industrial area hemmhekk għandi ritratti telghin l-karozzi min ikun bix-xogħol u għandhom raba u hemm tas-silencers jkun jista' jitla min joqgħod l-Imqabba kien ikun hemm warden fit-tarf tal-Imqabba int u dieħel l-Imqabba u jgħidlek minn fejn għandek tgħaddi minn wara l-iskola titla' minn fejn qed ngħidlek jien minn dik it-triq li hemm no access to Imqabba għall-imqabba m'għandekx aċċess minn hawn u kien idawwarna min-naħa l-oħra. B'hekk kont nitla minn hemm jien jien dik triqti, din hija DOK RC din ittriq li qed nghidu no access to Imqabba imma telgħin it-trakkijiet minnha.

Qorti: Dak ir-ritratt meta ittieħed?

Xhud: Ftit wara.

Qorti: Min hadu?

Xhud: Jiena haddtu, kienu jitneħħew mal-ġurnata,

Qorti: Hawnekk mhux mal-gurnata mal-lejl le?

Xhud: Ijja ijja kien l-10 ta` Frar festa kienu miftuħin għax ma kinux qed jaħdmu hemmhekk dak filgħaxija fis-seba' dan kien aċċident sempliċi jien qiegħed wieqaf biex naħseb x'ħa nagħmel dan skiddja u daħal ġo fija hekk waqa' bil-mutur skiddja l-mutur u spara ġo fija ġol-bieba jien aqqas inqas ħsara m'għandi xejn farka girfa għandi kieku ghalaq triq u daħal ġo fija ghamilli l-ħsara lili mqar għafsa. Jien girfa ta' karozza qisu xi ħaġa ta' baraxieli b'ċavetta hekk.

Qorti: Sinjur jimporta tghidli DOK B1 minn fejn ghaddejt fuq dak ir-ritratt urini b`vlegga minn fejn ghaddejt? Naqblu li dakinhar hekk kienet it-triq?

Xhud: Ijja ijja.

Qorti: Minn fejn għaddejt int?

Xhud: Jien għaddejt eżatt mas-central strip mil-lane tiegħi imma għaddejt l'hawn peress li kien hemm il-ġebel jien waqaft

 għax ma kontx naf jekk naħsibx ħa nitla bil-maltemp li kien nieżel.

Qorti: Inti minn fejn kont ġej?

Xhud: Mit-triq ta` Hal-Farruġ, kont gej minn naha tal-lil hemm ma tidhirx it-triq u kont ha ndur hekk jien minn hemm dhalt kif dhalt ezatt qed nghidlek.

Qorti: Imma l-vlegga qeghda il-kontra?

Xhud: Il-fuq kont tielgha jien.

Avu: Ghamel vlegga ghall-liema direzzjoni.

Qorti: Il-vlegga hiereg qeghda.

Xhud: Jien gej minn triq hawnhekk hawn trid iva hekk hu ġejjin hawnhekk hawn kantuniera jien kont diehla hekk il-fuq jien ġej hekk u ksirt hawn din hemm triq Hal-Farruġ hekk u ha ndur ghall-Sejba road.

Qorti: Il-mutur mhux nieżel minn hawn kien?

Xhud: Nieżel jejja mutur minn hemm l'hawn.

Qorti: Imma inti ghamiltli il-vlegga?

Xhud: Ghax jien tielgha minn hemm minn fuq.

Qorti: Imma l-vlegga qeghda hiereg.

Avu: Inti sinjur bil-kontra qed tahdem. Hawnhekk fejn għamilt il-vleġġa inti fejn kien ħiereġ il-mutur, inti minn fejn kont ġej?

Qorti: Inti minn Sejba road hiereg jew diehel?

Xhud: Jien diehel go Sejba road.

Qorti: Imma ghamiltieli hiereg habib.

Xhud: Iva ghandek ragun ghax qeghda bil-kontra  ghax qegdha fid-dlam, mela jiena gej minn hawn,

Qorti: Ghamilha bil-vlegga fejn kont sejjer ghamilha bil-blue issa.

Avu: Qiegħda dottijiet hawnhekk sinjura ċrieki.

Qorti: Jigifieri inti dhalt minn bejn awn l-affarijiet?

Xhud: Dak in-nhar ma kien hemm xejn ghax kienet festa l-10 ta` Frar, msomma jien kont dieħel waqaft għax rajt dawl ġej insib lil dan ir-raġel sinjur ġej jitriegħed bil-mutur hekk

gћedt ћa jaqa` anki spiccajt il-kelma il-mutur spara ghall-taћtu gћal ġol-bieba hekk tiegћi jien kont wieqaf totalment qed nara x`ha nagћmel u nżilt ћassarni ghedtlu weggajtq qalli le u nsibu kollu ћwejjeġ aqqas jidhru ghajnejh ghedtlu jista jihdru ghallinqas ghajnejk ghax kien hafna maltemp kellu hoody ġakketta raincoat minn dawk l-orange u l-visor fuq din ghedtlu aqqas qed nara ghajnejk ghedtlu ma gara xejn ghedtlu l-aqwa li ma weggajniex ghedtlu x`ha naghmlu ingibu l-wardens ghedtlu le tista ma ggib xejn hsara m`ghandix ghedtlu inti taf qalli nimxu ta' rġiel qalli u nċemplu u nikklejmjaw gћedtlu ћa nikklejmja ċempiltlu lura biex nara kif kien qalli issa nċempillek gћaliex qed nitkellmu fuq il-missier ghedtlu ma gara xejn issa ċempilli inti, cempilli qalli hemmhekk se tirċievi 2 tickets inti gћedtlu tickets ghala ghedtlu inti dћalt one way fil-verità irċevejthom it-tickets u ma jikkontesta ћadd u rbaћthom ma ћallas xejn.

Avu: Ġejt liberat minnhom?

Xhud: Ġejt liberat u ċempiltlu jien gћedtlu issa nkunu rġiel jekk irid iġib it-telefon iġibhom gћedtlu nikklejmjaw nћallu f'idejn l-insurance qalli jien hemmhekk mhux ћa naċċetta one percent tort,

Avu: Inti klemjajt?

Xhud: Ijja jien mort ċempilt lil tal-insurance ghax dan cempilli enerġija sal-ċempilli elf darba qaltli biex biex naraw x'ћa nagћmlu gћedtilha issa nikklejmja, jien mhux ћa nammetti meta jien qiegћed wieqaf dan skiddja u daћal ġo fija.

Avu: Daqsekk izjed mix-xhud.

Avu2: Ri Ezami , inti eżami mela inti mmarkajt fuq hemmhekk u skond inti dħalt minn maġenb dawk il-bollards, jiġifieri qed taqbel li dakinhar kienu hemm il-bollards?

Xhud: Kienu that il-ħajt tas-sejjieħ kienu.

Avu2: Minuta dak ir-ritratt jidhru f'nofs t-triq?

Xhud: Dak in-nhar mhux tal-habta dak il-mutur mhux tiegħu dak il-mutur kien scooter.

Qorti: Inti sinjur ghedtli dawn ir-ritratti kienu ta dak in-nhar inti hekk ghedtli staqsejtek direttament.

Xhud: Bħala ritratt il-mutur dak mhux hu ħa narah sewwa jimporta dan scooter kien, Le mhux dak kien mhux dak kien.

Avu2: Jiġifieri ma targhfux?

Xhud: Le ma naghrfux zgur dak il-mutur mhux li hbatt mieghu dak kien scooter blue il-mutur u ritratti il-parts gbarthomlu jien umbaghad tajthomlu l-ghada cempiltlu 1000 darba ghalihom.

Avu2: Naqblu li l-parts wara l-incident qabel ma tlaqtu gbartuhom?

Xhud: Iva.

Avu2: Issa jiġifieri inti meta għaddejt qed tgħid li ma kienx hemm l-ebda bollards inti fuq fejn mmarkajt maġenb il-bollards immarkajt ma ghidtilnix li ma kinux hemm ghedt li kienu mal-genb.

Xhud: Le inti ghedtli hemm il-boallrds jiena ghedtlek dawk ma kienux hemm.

Avu2: Le umbaghad ghet ma kienux hemm kienu mal-genb.

Xhud: Taht il-hajt tas-sejjiegh.

Avu2: Jigifieri ma kienux f`nofs it-triq?

Xhud: Le dak in-nhar kienet l-10 ta` Frar u hemmekk kien miftuh.

Avu2: U allura inti jekk inti dhalt u kont sejjer maghggel ghand iz-zija jew in-nanna ghaliex waqaft?

Xhud: Waqaft habba l-maltemp li kien niezel ghamel xi jumejn nieżel l-ilma kien niezel hafna ilma u jien inqalaltli l-ispoiler b`daqqa ta nofs kantun bdejt nibza nitla minn hemm u kelli nieqaf.

Avu2: X`igifieri inqalalek l-ispoiler?

Xhud: B`daqqa ta kantun inqalali l-ispoiler ta taht.

Avu2: Għaliex kien hemm kantun x'hin ghaddejt?

Xhud: Il-gebel beda nieżel ġo l-ilma qishom kaxxi tas-sulfarini minn hemm għal ġol-wied hemmhekk hemm wied hemm taħt beda nieżel l-ilma ghax dik qeghda fin-nizla Sejba road.

Avu2: U ma bqajtx tiela'?

Xhud: Waqaft ha nara x`ha naghmel imbagħad insib il-mutur ġej insibu sejjer hekk ghedt il-Alla ħa jaqa` ghedt ġo qalbi u skidja.

Avu2: U kumbinazzjoni qed tgh0d dahal ghall-go fik?

Xhud: Skiddja u daħal ġo fija.

Avu2: U hawn ic-central strip ukoll igifieri inti ma central strip?

Xhud: Le le le qbiztha ic-central strip ezatt tul ta` karozza ghaddejtha u waqft naqra il-fuq jien biex nara x`ha naghmel.

Avu2: U hemmekk waqaft fin-nofs tat-triq qed tghid?

Xhud: Le hux fin-nofs tat-triq kont, jiena f`sajdi kont hu skiddja hu u l-mutur inbezaq minn taht u dahal bicca u go fijja hekk.

Avu2: Voldieri ir-ritratt ittiehed dak in-nhar u hawn il-bolards jidhru u inti mhux dak in-nhar qed tkompli tghud bil-gurament li dar-ritratt ma ittiehedx dak in-nhar?

Xhud: Dak il-mutur ma kienx hu jien dhalt minn hawnekk, il-bollards ma kienux hemm.

Avu2: Ok xejn izjed mix-xhud.

**PS 1405 D Gerada** xehed permezz ta’ affidavit

**PC 325 Horace Seychell** xehed permezz ta’ affidavit

**Marie- Claire Tabone** dapparti tal-EPIC communications Ltd xehdet permezz ta’ affidavit

**Anthony Bonnici** da parti tal-Go plc xehed permezz ta’ affidavit

Christian Joseph Baldacchino daparti tal-Melita Ltd xehed permezz ta' affidavit

**Ikkunsidrat**

Hemm kunflitt serju dwar kif kienet is-sitwazzjoni tal-lokalita tal-incident specifikament dwar is-sitwazzjoni tal-bollards kif ukoll dik-tas-senjaletika. F'sitwazzjoni ta' kunflitt ma tinlahaqx il-livell ta' "beyond a reasonable doubt" u bhekk l-imputazzjonijiet odjerni mhux ippruvati.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi wara li Rat l-artikoli 15(1)(a) (2) tal Kap 65 u Artikolu 328(d)tal-Kap 9 LS 65.11 MVR75 L.S. 65.18 Art 36B u fil-L.S. 65.18 Sitt Skeda tal-Ligijiet ta' Malta.

ma ssibx lil Raymond Camilleri hati tal-imputazzjonji fil-konfront tieghu u tilliberah minn kull htija u piena.

**DR. YANA MICALLEF STAFRACE LL.D.**

**MAGISTRAT**

**Doris Serpina Sciberras**

**Deputat Registratur**